MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2007

Talba Numru. 949/2006

**John u Maria Dolores konjugi Cordina**

**vs**

**Water Services Corporation**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz li permezz tieghu l-attur talab lil Korporazzjoni konvenuta thallas l-ammont ta' elf mitejn erbgha u sebghin Lira Maltin u sittin centezmu (LM1274.60) rapprezentanti danni kkawzati minhabba, imperizja, traskuragni u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti da parti mill-konvenuta li halliet il-kommunikazzjoni tad-*drains* fi Triq Azzopardi, Marsa inkluz it-tappieri, fi stat hazin u mblukkati b'tali mod li l-ilma u drenagg far u zbroffa ghal go d-dar tal-atturi fejn gew ikkawzati diversi hsarat f'Settemebru, 2005.

Bl-Ispejjez u bl-imghax sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Ra r-Rispostat sollevata mil-Korporazzjoni konvenuta fejn intqal illi t-talbiet tal-atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;

Illi ghalhekk l-istess talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess atturi;

Salvi ecezzjonijet ohra.

Illi t-Tribunal ‘ex ufficcio’ irrileva illi t-Tribunal m’ghandux kompetenza jisma’ dan il-kaz minhabba nuqqas ta’ kompetenza.

It-Tribunal, jidhirlu lli hemm nuqqas ta’ kompetenza fir-rigward tat-talba u ghaldaqstant ghandu jiddeciedi f’dan ir-rigward.

Ikkunsidra:

Illi din il-kawza tirigwarda hsarat ikkawzati minn servizz tal-ilma provdut mill-Koprporazzjoni konvenuta.

It-Tribunal, jirrileva lli din hija kawza ghal Danni kkawzati minhabba, allegat imperizja, traskuragni u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti f’provediment tas-servizz tal-korporazzjoni konvenuta li halliet il-kommunikazzjoni tad-drains fi Triq Azzopardi inkluza t-tappieri, fi stat allegatamanet hazin u mblukkati b’tali mod li l-ilma u drenagg far u zbroffa ghal go d-dar tal-atturi fejn gew ikkawzati diversi hsarat f’Settembru, 2005.

Il-Korporazzjoni konvenuta tichad l-allegazzjonijet maghmulin fil-konfront taghha bhala infondati fil-fatt u fid-drittt.

Permezz ta’ L-Avviz Legali 165 tas-sena 2006 gie stabbilit lli kull tilwima li jkollhom x’jaqsmu jew marbuta mal-provvista tas-servizzi tal-ilma jaqghu taht Arbitragg Mandatarju. Dan ir-regolament gie fis-sehh b’effett mill-

1 ta' Awissu, 2006, u ghalhekk din it-tilwima ghandha tigi determinata permezz ta' arbitragg.

Konsegwentement ai termini tal-Kap 387 u l-Avviz Legali 165 tas-sena 2006 fuq imsemmija, u peress illi din il-kawza hija wahda ghad-danni rizultanti minn servizz provdut mill-Korporazzjoni ghas-Servizz tal-Ilma ghandha tigi determinta permezz ta' Arbitragg.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jiddikjara li in kwantu ghat-talba quddiem dan it-Tribunal mhiex ta' kompetenza tieghu u konsegwenetement jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri taghha u jordna l-kancellament tat-talba mill-avviz.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jordna l-kancellament ta' din il-kawza minn fuq din il-lista.

Spejjez a karigu tas-socjeta' attrici.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------